


# Minn fuq it-Tomba, għat-Triq tal-Għajn u l-Biċċerija

Anton Mizzi

Sajjieda minn diversi postijiet u triqat tar-Rabat, speċjalment dawk ta' madwar il-Knisja ta' Sant Wistin, oħrajn minn Triq Sant' Indrija u dawk ta' fejn San Ġorġ tal-Ħaġar kienu jmorru jistadu fil-bajja tax-Xlendi. Dawn is-sajjieda, barra luzzu, kajjik, dgħajsa jew frejgatina, x'uħud minnhom kellhom ukoll maħżen fejn iżommu l-inġenji tas-sajd. Biex dawn kienu jkunu jafu hux galbu li jmorru jistadu fuq il-baħar, speċjalment fix-Xitwa, kienu jaslu sa fuq Pjazza Tomba. Jersqu sal-kantuniera ta' fejn hemm id-dar tal-familja Attard (Tal-Bajdi), Ġużepp, Wiġi, Salvu, Reġina u Karmela, ilkoll aħwa. Illum hemm il-ħanut tax-xorb ta' Ġorġ (Il-Bażuż). Sas-sena 1906, minn dan il-post kien jidher il-baħar tax-Xlendi. Minn hemm dawn is-sajjieda kienu jkunu jafu jekk il-baħar hux bnazzi jew maltemp. Jekk galbu kienu jitilqu bil-mixi minn fuq it-Tomba għat-Triq tal-Għajn, għan-niżla ta' Għajn il-Kbir u jerħula għal għonq it-triq tax-Xlendi. Hekk kont nisma' jirrakkonta lil Salvu Cremona (Tal-Kaptan), li kien ukoll dilettant tas-sajd. Salvu flimkien ma' ħutu Ġużepp u Ċikku, it-tlieta tas-seklu 1800, kellhom residenza għas-sajf fix-Xlendi. Kellhom luzzu żgħir li kienu jmorru bih fuq il-baħar jistadu.

Minn dik in-naħa ta' fuq it-Tomba li semmejt sa qabel is-sena 1906, kont tilmaħ medda vasta art ta' għelieqi b'ħitan tas-sejjieħ, pal tal-bajtar tax-xewk, siġar tat-tin u l-bajtar u dawk tal-ħarrub mxerrdin 'l hemm u 'l hawn flimkien ma' kmamar żgħar mifruxin fl-għelieqi. Din l-art kienet tiżżerżaq 'l isfel ftit ftit għal Wied il-Lunzjata li tibqa' nieżla u tilħaq wied ieħor li jiżbokka fil-bajja tax-Xlendi. Veduta mill-isbaħ, seħer in-natura, speċjalment meta kien ikun bnazzi. Inżul ix-xemx kien ikun meravilja. Dak l-aħmar ġo l-isfar li jgħatti l-blu tas-sema ċar. Mal-minuti l-kuluri jiżżewqu, jisfumaw u jinbidlu, jitħalltu flimkien. Kuljum ix-xenarju jinbidel u jurina spettaklu differenti. Xena ta' ftit minuti, ta' sbuħija inkredibbli li taf biss tagħti n-natura. Dik il-medda art li minn Pjazza Tomba twassal sal-Kunvent ta' Sant Wistin, hija propjetà tal-patrijiet Agostinjani. Kien hemm il-ħsieb li din l-art tinbena. Saret pjanta għal dan il-proġett u ġiet aċċettata. Fis-sena 1904, beda x-xogħol fuq dan il-bini. Bla dubju, huwa wieħed mill-isbaħ li nbena f'Għawdex. Hekk għadu sal-lum. Bini mill-isbaħ li ħa post dak ix-xenarju meraviljuż li kien jidher minn fuq it-Tomba. Addio spettaklu tan-natura. Verament il-progress jġib rigress.

## Il-Biċċerija

Fuq ix-xaqliba ta' tarf ir-Rabat kien qiegħed jiżvolġi kambjament. Tibda minn fuq it-Tomba u tibqa' nieżel 'l isfel tat-Triq tal-Għajn, sal-Għajn il-Kbira. Quddiem din l-għajn, fl-aħħar tas-seklu 1800, kienet bdiet tinbena biċċerija. Il-biċċerija l-qadima kienet x'imkien lejn wara s-sur fir-Rabat. Hekk kien qalli wieħed anzjan li kien midħla tal-biċċerija. Minħabba x-xogħol li kien żdied sewwa u nuqqas tal-ilma din il-biċċerija ma setgħetx tkompli tagħti servizz xieraq u kif suppost.

L-awtorità konċernata ta' dak iż-żmien, ħasset il-ħtieġa li ssib post alternattiv fejn tista' tinbena biċċerija ġdida. Biċċerija aktar spazjuża u fuq kollox fejn ikun hemm l-ilma. Ġie deċiż għalhekk li l-aħjar post għal dan ix-xogħol huwa 'l isfel tat-Triq tal-Għajn fejn hemm l-ilma. F'dan il-post faċċata tal-Għajn il-Kbira nbniet il-biċċerija. Xi żmien wara, kien hemm bżonn isir xi xogħol ta' tibdil għal aktar spazju. Fis-sena 1902 il-biċċerija tlestiet kompletment. Baqgħet tagħti servizz f'dan il-lokal sas-sena 1979. Żmien twil ta' servizz siewi lill-gżira t'Għawdex. Illum ħa postha negozju tal-artiġjanat u industrija lokali, dak tal-bizzilla, rakkmu, newl u xogħolijiet oħrajn.




Qabel u wara it-tieni gwerra dinjija, li jien niftakar sewwa, kien hawn negozjanti tal-bhejjem, anke biċċiera, li kienu jimportaw barrin minn Tunis, "Il-Barrin ta' Tunis", hekk konna ngħidulhom. Dawn in-negozjanti meta l-barrin kienu jaslu Malta kien jinġiebu Għawdex mal-vapur tad-dawra. Hekk konna ngħidulu, "il-vapur tad-dawra". Dan kien jagħti servizz mill-Port il-Kbir Valletta għall-Imġarr Għawdex u viċe versa. Meta jaslu l-Imġarr Għawdex, dawn il-barrin kienu jwassluhom fid-destinazzjoni tagħhom bil-mixi, bi tnejn min-nies bi frosta f'idejhom jiggwidawhom. Dawk iż-żmenijiet ma kienx hawn trasport kif hawn illum. Is-saqajn kienu l-użu flok it-trasport ta' xogħol ta' dan it-tip. Minn dawn in-negozjanti kien hawn anke f'xi irħula. Ir-Rabat kien hawn l-aħwa Zammit (Ta' Korru), dawk Vella (Taċ-Ċatta) u Karmnu Mizzi (Tal-Manann). Karmnu tal-Manann kellu fuq wara tad-dar tiegħu bitħa kbira b'maqjel imdaqqas, fil-bidu tat-Triq tal-Għajn. Dan kien iżomm minn dawn il-barrin f'din il-bitħa u fil-maqjel. Kellu lil Karmnu Cini (Ir-Rejjex) u lil Mikiel (Il-Meqrud) impjegati miegħu jieħdu ħsieb dawn il-bhejjem. Kien hemm it-tifel tiegħu Ġużepp li kien imexxi flimkien ma' missieru dan in-negozju. Niftakar meta jien u sħabi li konna adoloxxenti, naraw għaddejjin dawn il-barrin minn Triq Vajrinġa għal Triq tal-Għajn għal għand iz-ziju Karmnu, hekk konna ngħidulu ħuti u jien iz-ziju Karmnu, għad li kien jiġi propju z-ziju ta' missieri Ġorġ. Dan Karmnu kien jiġi ħu n-nannu Pawlu. Konna nkunu nilagħbu fit-triq u kif nilmħu l-barrin ġejjin konna nibżgħu minnhom, nitferrxu u niġru 'l hemm u 'l hawn. Immorru narawhom għaddejjin mill-bogħod għad li kien ikun hemm xi wieħed minna jagħmilha ta' żatat, taparsi ma jibżax. In-negozju ta' dawn il-barrin kien isir billi jingħataw minnhom lill-bdiewa, lir-raħħala u lil dawk li jrabbu l-bhejjem. Qabel jittieħed il-barri kien jintiżen. Wara sena, dawk li kienu ħadu minn dawn il-barrin, jeħduhom lura għand in-negozjant. Il-barri jerġa' jintiżen. In-negozjant jiċċekkja x'kien wiżen qabel ma ttieħed. B'hekk titħallas id-differenza lill-bidwi jew lir-raħħal u l-barri jispiċċa l-biċċerija.

Il-biċċerija tat spinta biex it-Triq tal-Għajn tkun magħrufa ma' Għawdex kollu. Din it-triq, permezz tal-biċċerija ġiet frekwentata minn diversi biċċiera, raħħala u bdiewa madwar Għawdex kollu. Dawn ilkoll b'xi mod jew ieħor għaddew mit-Triq tal-Għajn bil-bhejjem tagħhom. Ta' kuljum kienu jieħdu għall-qatla majjali, mogħoż, ngħaġ u barrin. Il-biċċa l-kbira minnhom kienu jinżlu bil-mixi. Damu f'din l-użanza għal snin twal. Il-biċċerija tat kontribut sew lil Għawdex kollu għal disgħin sena u saret sinonima mat-Triq tal-Għajn. Fis-sena 1979 inbniet biċċerija ġdida u aktar moderna għall-ħtiġijiet tal-lum. Din ġiet kostruita fl-inħawi tat-taflija limiti tar-Rabat. Ġiet mgħammra u attrezzata bl-aħjar makkinarju ta' teknoloġija moderna u qed tagħti servizz siewi lil Għawdex kollu.



Fejn hemm l-ilma hemm il-ħajja. Il-ħlejjaq kollha jfittxu l-ilma. Hekk għamlu żmien ilu l-antenati tagħna. Kull fejn sabu l-ilma abitaw. Aktarx, żmien ilu, l-ewwel nies għexu n-naħa t'isfel tat-triq tal-Għajn kien fl-inħawi tal-madwar ta' dak l-ilma ġieri, in-naħa ta' fuq riħ Wied Siekel, mal-inħawi ta' dan il-wied u madwar dik il-medda art ta' Mulejja fuq ir-riħ ta' dawn l-għejun. Difatti fl-art ta' Mulejja kienu nstabu fdalijiet ta' bini Ruman. Skont l-istoriku Kan. Ġann Piet Agius De Soldanis, kienet instabet f'dak il-post statwetta mill-isbaħ tal-alabastru abjad ta' lupa qed tredda' lit-



twemin Romulus u Remos. Illum din l-istatwetta tinsab fil-Mużew tal-Arkeoloġija fiċ-Ċittadella. Dan jindika li mijiet ta' snin ilu anke frustieri abitaw f'dawn l-inħawi.

## Residenti fi Triq tal-Għajn

Biex niddeskrivi fil-qosor din it-triq, sa nagħti ħjiel ta' xi wħud mid-djar u n-nies li għexu fihom. Se nikteb dak kollu li niftakar jien u dak li kienu jirrakkontaw missieri Ġorġ u n-nannu Pawlu. Nibda min-naħa ta' fuq ta' din it-triq li tmiss ma' Pjazza Tomba. Kif taqbad in-niżla fejn in-naħa tax-xellug tat-triq kien hemm il-ħanut ta' Toni Curmi (Tal-Mazz). Kien ħanut tal-merċa imma kien ukoll ibigħ l-inbid. Kienet tagħtih daqqa t'id fil-ħanut oħtu Ġolina. Flimkien mat-tfal tiegħu



kien anke jinnegozja fit-tiġieġ, dundjani, ħamiem u fniek. Għalkemm il-bieb prinċipali tal-ħanut kien fuq it-Tomba kellu ieħor fil-ġemb li jagħti għat-Triq tal-Għajn. Ftit aktar 'l isfel kien hemm il-ħanut u l-maħżen ta' Pawlu Mizzi (Tal-Manann) li flimkien ma ibnu Ġorġ kienu jmexxu negozju bil-grossa. Aktar 'l isfel tat-triq kien hemm il-ħajjata Carmela Spiteri (Tal-Ħoxna) li kellha ħuha Dun Frangisk u ħutha Nina u Tereża. Tibqa' miexi 'l isfel, fid-dar Nru. 21, mis-sena 1884 sas-sena 1893, kien hemm l-ewwel każin tal-banda 'La Stella'. Dak iż-żmien kienet bl-isem 'La Stella Vincitrice'. Ġar ta' dan il-każin kien jgħix mal-familja tiegħu l-perit Pietru Attard, l-ewwel president tal-banda 'La Stella'. Illum f'din id-dar hemm il-familja Farrugia 'Ta' Lippu' bin negozju tal-frott u l-ħxejjex. Iżjed 'l isfel kien hemm il-landier Ġużepp Farrugia (Taċ-Ċajċu) li kienet tgħix miegħu oħtu Nozzi. 'L isfel minn dan il-landier kien hemm il-ħanut tax-xorb ta' Kalanġ (Il-Lanċa). Kalanġ kien jagħsar l-għeneb u dejjem kien ikollu qatra nbid tajba.




Il-ħanut dejjem kien iffrekwentat. Pass ieħor 'l isfel u nsibu lil Karmnu Farrugia (Il-Gidma). Kien skarpan rinomat u l-aqwa t'Għawdex. Kien jagħmel żraben u sandlijiet ta' kwalità. Mons. Gonzi meta kien isqof t'Għawdex, kien jordna iż-żraben għandu. Karmnu kien imur il-Palazz biex lill-isqof jeħodlu l-qies taż-żarbun. L-isqof lil Karmnu kien ħatru paġġ, wieħed minn dawk it-tnejn li kienu jkunu bil-wieqfa wara tal-karozzella tal-isqof li kienet tkun miġbuda minn żiemel. Anke f'ċerti funzjonijiet tal-isqof dawn il-paġġi kienu jattendu. Toni, it-tifel ta' Karmnu wiret din is-sengħa. Sar skarpan mill-aqwa u ta' professjoni. Kien kapaċi jagħmel mhux biss sandlijiet u żraben imma dak kollu meħtieġ li setà jsir mill-ġilda. Toni kellu ħuh Karmnu, li kien jismu għal missieru. Dan kien jgħallem is-sengħa ta' skarpan lit-tfal, fl-orfanotrofju ta' San Ġużepp, Għajnsielem. Aktar 'isfel tat-triq, ħdejn in-niċċa tas-Salvatur, kien hemm il-forn ta' Kalanġ (Tal-Badbut). Dan kien jaħmi bil-ħatab. Kien l-ewwel forn f'din it-triq. Kien jagħmel mhux biss ħobż imma jaqdi fit-tisjir lill-klijenti li kienu jmorru għandu b'turtieri b'kull kwalità t'ikel. Naqbdu n-niżla għal Għajn il-Kbira. Faċċata int u nieżel tilmaħ il-ħanut ta' Ġorġ Borġ (Il-Qronfli). F'żgħożitu kien imur fuq il-baħar jistad mill-bajja tax-Xlendi. Darba smajtu jirrakkonta li hu jaf s-salvazzjoni tiegħu mill-għarqa waqt tempesta lill-Madonna Ta' Pinu. Lil Ġorġ jien kont nafu ħafna. Kien jiġi fil-ħanut ta' missieri għax dawn flimkien kienu jieħdu l-offerti tal-frott u l-ħxejjex, eċċ. għall-isptarijiet



f'Għawdex. Ġorġa, il-mara tiegħu, twajba u sinċiera, niftakar, ma kontx tmur il-ħanut li ma tifraħx bik u tnewwillek xi ħaġa tajba. 'L isfel iżjed tat-triq kif tikser għall-Għajn ta' Bendu kien hemm il-ħanut tax-xorb tal-familja (Ta' Xaħam). Dawn kienu jagħsru l-għeneb u jagħmlu nbid tajjeb.

Induru 'l fuq tat-triq. Nibdew minn ħdejn il-Knisja Parrokkjali. Fuq in-naħa tax-xellug int u tiela' kien joqgħod flimkien mal-familja Mons. Celestino Galea (Ta' Cikku t'Anni). Dan kien kappillan fil-knisja Parrokkjali tar-raħal ta' San Lawrenz, Monsinjur tal-Kapitlu tal-Katidral t'Għawdex u professur fil-filosofija. Iktar 'il fuq kellu d-dar Toni Schembri li kien sagristan fil-knisja parrokkjali tal-Qalb ta' Ġesù. Flimkien ma' wliedu, Ġorġ, Ġużepp, Wenzu, Leli, Karmnu u Ċikku, taw kontribut siewi mhux biss lil din it-triq imma kienu t'għajnuna f'kull ħtieġa tal-knisja tal-lokalità. Iktar 'il fuq kien u għadu hemm il-forn ta' Ċelest Cini, li flimkien ma' martu Marija kienu jmexxu dan il-forn. Kienu jaħmu bil-ħatab. Ħafna nies, mhux biss tal-lokal imma anke mir-Rabat, kienu jixtru l-ħobż. Nhar ta' Ħadd, Ċelest kien jaqdi lill-klijenti li kienu



jiġu b'turtiera pastizzi, qassatat, koxxa tal-majjal bil-patata u ikel ieħor għat-tisjir ġol-forn. Illum t-tfal ta' Ċelest u Marija biddlu s-sistema u qed jħaddmu l-forn b'makkinarju mill-aktar modern. Żewġ passi 'l bogħod hemm il-ħanut tal-merċa 'Ta' Ġolina'. Żmien ilu kien jitmexxa minn Toni Schembri (Tad-Deredej) u martu Ġolina. Illum jieħdu ħsiebu ibnu Ġorġ flimkien mat-tifel tiegħu Marco. Ftit 'il fuq hemm id-dar ta' Karmnu Mizzi (Tal-Manann) li flimkien ma' ibnu Ġużepp żmien ilu kellhom negozju tal-bhejjem. Illum hemm ulied Ġużepp li jieħdu ħsieb dan in-negozju. Iktar 'il fuq kien hemm Ġużepp (Tal-Embu). Dan kien jagħmel purtieri tal-qasab mill-aktar fini. Id-dar ta' fejn joqgħod, żmien ilu, kien hemm mitħna tat-tħin bil-bhima.

Kien hemm f'din it-triq f'dawk iż-żminijiet residenti oħrajn li kienu jagħmlu xogħol tal-idejn bħal dak tal-bizzilla, rakkmu, purtieri tal-qasab u oġġetti oħrajn tal-industrija lokali. Kien hemm Ġammri Attard (Tal-Arċipriet). Dan kien jaħdem il-granutell bi professjoni. Ħadem sett ta' fjoretti mill-isbaħ tal-granutell għall-



Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù. Dawn il-fjoretti huma xogħol ta' valur u għadhom ikkonservati sal-lum. Kienu jgħinuh f'dan ix-xogħol Manuel Schembri (Tas-Sagristan) u Toni Farrugia (Il-Gidma). Dawn it-tnejn tgħallmu dan ix-xogħol tal-granutell.

Meta fis-sena 1993 ġew introdotti l-kunsilli lokali, it-Triq tal-Għajn ġiet stabilita u magħżula bil-limiti tagħha. Dak iż-żmien, il-popolazzjoni tal-lokalità kienet tlaħħaq madwar 900 ruħ. Dakinhar din it-triq ġie separata mir-Rabat u ddikjarata bl-isem Fontana. Ħaġa tajba u hekk kellu jkun. Il-Kunsill tal-Fontana stabilixxa ruħu tajjeb u medd għonqu għax-xogħol. Tul dawn l-aħħar ħames leġislaturi dan il-kunsill ħadem bi sħiħ u sebbaħ kemm felaħ il-lokalità. Wettaq xogħol siewi u mill-isbaħ, li qiegħed ikun apprezzat mhux biss mir-residenti imma wkoll mill-barranin li jżuru l-Fontana. Mhux ta' b'xejn il-Kunsill tal-Fontana ġie ċċertifikat, fost il-Kunsilli Lokali kollha, bl-ogħla rata t'effiċjenza.